KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SPIELMANN
ippreżentati fil-15 ta' Mejju 2025 [1]

Kawża C-489/23

AF
vs
Guvernul României,
Ministerul Sănătății;
Casa Județeană de Asigurări de Sănătate Mureș

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn Înalta Curte de Casație și Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, ir-Rumanija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Sigurtà soċjali – Kura tas-saħħa transkonfinali – Libertà illi tipprovdi servizzi – L-Artikolu 56 TFUE – Direttiva 2011/24/UE – Artikolu 7(7) – Kopertura tal-ispejjeż tal-kura mġarrba mill-persuna assigurata – Rimbors – Rekwiżit ta' eżami mediku magħmul esklużivament minn tabib kopert mill-iskema tal-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika tal-Istat Membru ta' affiljazzjoni tal-persuna assigurata, illi ta lok għal talba għad-dħul fl-isptar"

Introduzzjoni

1. Id-domanda preliminari illi hija s-suġġett ta' dawn il-konklużjonijiet speċifiċi, skont it-talba tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 56 TFUE u tal-Artikolu 7(7) tad-Direttiva 2011/24/UE [2]. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba, għall-ewwel darba, tiddeċiedi dwar jekk din id-dispożizzjoni tad-Direttiva tippermettix lil Stat Membru jissuġġetta r-rimbors tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali fl-isptar għat-twettiq ta' eżami mediku minn tabib fl-iskema pubblika ta' assigurazzjoni tas-saħħa ta' dak l-Istat u għall-ħruġ sussegwenti ta' talba għal dħul fl-isptar.

2. It-talba għal deċiżjoni preliminari tressqet mill-Înalta Curte de Casație și Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, ir-Rumanija) fil-kuntest ta' tilwima bejn AF, resident Rumen, u l-Guvernul României (il-Gvern Rumen); il-Ministerul Sănătății (il-Ministeru għas-Saħħa, ir-Rumanija) u l-Casa Județeană de Asigurări de Sănătate Mureș (il-Fond Dipartimentali għall-Assigurazzjoni tas-Saħħa ta' Mureș, Ir-Rumanija), dwar ir-rifjut ta' din tal-aħħar illi tħallsu lura għall-ispejjeż tal-kura tas-saħħa fl-isptar mogħtija lilu fil-Ġermanja.

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali (ĠU 2011, L 88, p. 45).

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Ir-Regolament (KEE) Nru 1408/71

3. Ir-Regolament (KEE) Nru 1408/71 tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni ta' l-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità, fil-verżjoni kkonsolidata tiegħu tas-7 ta' Lulju 2008 [3], jipprovdi fl-Artikolu 22 tiegħu, intitolat "Rimanenza barra l-Istat kompetenti — Ritorn lejn jew trasferiment ta' residenza għall-Istat Membru ieħor waqt il-mard jew il-maternità — Bżonn ta' mawra fi Stat Membru ieħor sabiex jirċievu l-kura neċessarja:

"1. Persuna impjegata jew li taħdem għal rasha li tissodisfa l-kondizzjonijiet tal-leġislazzjoni ta' l-Istat kompetenti għall-intitolar tal-benefiċċji, billi tieħu inkonsiderazzjoni fejn suppost tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 18, u:

[…]

ċ) li hija awtorizzata mill-istituzzjoni kompetenti biex tmur fit-territorju ta' Stat Membru ieħor biex hemmhekk tirċievi l-kura meħtieġa għall-kondizzjoni tagħha,

tkun intitolata:

i) għall-benefiċċji b'xi mod ipprovduti f'isem l-istituzzjoni kompetenti mill-istituzzjoni tal-post tar-rimanenza jew residenza skond id-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni li hija tamministra, bħallikieku kienet assigurata magħha; it-tul tal-perjodu li matulu l-benefiċċji jkunu pprovduti jkun deċiż, però, mil-leġislazzjoni ta' l-Istat kompetenti; […]

2. […]

L-awtorizzazzjoni meħtieġa taħt il-paragrafu 1(ċ) [ma tistax] tkun irrifjutata fejn il-kura inkwistjoni hija fost il-benefiċċji pprovduti mil-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu kienet residenti l-persuna kkonċernata u fejn hija ma tistax tingħata tali kura fiż-żmien normali neċessarju għall-ksib tal-kura inkwistjoni fl-Istat Membru tar-residenza waqt li tieħu inkonsiderazzjoni [l-istat] ta' saħħitha u l-kors probabbli tal-marda."

Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004

4. Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004, dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali [4] ħassar u ssostitwixxa r-Regolament Nru 1408/71, b'effett mill-1 ta' Mejju 2010.

[3] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1408/71").

[4] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72.

5. L-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament, intitolat "Vjaġġar bl-iskop li jingħataw benefiċċji mogħtija in natura - awtorizzazzjoni biex jingħata trattament xieraq barra l-Istat Membru ta' residenza", jipprovdi, fil-paragrafi 1 u 2:

"1. Sakemm dan ir-Regolament ma jgħidx mod ieħor, persuna assigurata li tivjaġġa lejn Stat Membru ieħor bl-iskop li tirċievi benefiċċji mogħtija in natura waqt iż-żjara tagħha, għandha tikseb awtorizzazzjoni mill-istituzzjoni kompetenti.

2. Persuna assigurata li tkun awtorizzata mill-istituzzjoni kompetenti biex tmur fi Stat Membru ieħor bil-għan li tirċievi t-trattament xieraq għall-kondizzjoni tagħha, għandha tirċievi l-benefiċċji mogħtija in natura mogħtija, f'isem l-istituzzjoni kompetenti, mill-istituzzjoni tal-post taż-żjara, skond id-dispożizzjonijiet li din tapplika, bħallikieku kienet assigurata taħt din il-leġiżlazzjoni. L-awtorizzazzjoni għandha tingħata fejn it-trattament konċernat huwa fost il-benefiċċji mogħtija mil-leġiżlazzjoni fl-Istat Membru fejn il-persuna kkonċernata jkollha l-post tar-residenza tagħha u fejn din il-persuna ma tistax tingħata dan it-trattament fi żmien li jista' jkun ġustifikat fuq raġunijiet mediċi. L-istat preżenti tas-saħħa tal-persuna u l-iżvilupp probabbli tal-marda tagħha għandha jittieħdu in konsiderazzjoni."

Ir-Regolament (KE) Nru 987/2009

6. Bis-saħħa tal-Artikolu 26(4) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Settembru 2009, li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali[5], fi kwalunkwe ħin matul il-proċedura tal-għoti tal-awtorizzazzjoni, l-istituzzjoni kompetenti għandha tirriżerva d-dritt li teżamina l-persuna assigurata permezz ta' tabib tal-għażla tagħha stess fl-Istat Membru taż-żjara jew ta' residenza.

Id-Direttiva 2011/24

7. L-Artikolu 7(7) tad-Direttiva 2011/24 jipprovdi li l-Istat Membru ta' affiljazzjoni jista' jimponi fuq persuna assigurata li tkun qed tipprova tikseb rimbors tal-ispejjeż ta' kura tas-saħħa transkonfinali, inkluż il-kura tas-saħħa meħuda permezz tal-mezzi tat-telemediċina, l-istess kundizzjonijiet, kriterji ta' eliġibbiltà u formalitajiet regolatorji u amministrattivi - kemm jekk stabbiliti fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali - li timponi kieku din il-kura tas-saħħa kienet ipprovduta fit-territorju tiegħu. Dan jista' jinkludi valutazzjoni minn professjonist tas-saħħa jew amministratur tal-kura tas-saħħa li jipprovdu servizzi għas-sistema tas-sigurtà soċjali statutorja jew is-sistema tas-saħħa nazzjonali tal-Istat Membru ta' affiljazzjoni, bħall-prattikant ġenerali jew il-prattikant tal-kura primarja ma' min ikun reġistrat il-pazjent, jekk dan ikun neċessarju għad-determinazzjoni tad-dritt tal-pazjent individwali għall-kura tas-saħħa. Madankollu, l-ebda kundizzjoni, kriterju għall-eliġibbiltà u formalità regolatorja u amministrattiva imposti skont dan il-paragrafu ma jistgħu jkunu diskriminatorji jew jikkostitwixxu ostaklu għall-moviment liberu ta' pazjenti, servizzi jew merkanzija, jekk kemm-il darba dan ma jkunx iġġustifikat oġġettivament mir-rekwiżiti tal-ippjanar marbuta mal-ħsieb li jiġi żgurat aċċess suffiċjenti u permanenti għal għażla bbilanċjata ta' trattamenti ta' kwalità għolja fl-Istat Membru kkonċernat jew max-xewqa li jiġu kkontrollati l-ispejjeż u tiġi evitata, kemm jista' jkun possibbli, kull ħela ta' riżorsi finanzjarji, tekniċi u umani.

[5] ĠU 2009, L 284, p. 1.

8. L-Artikolu 8 ta' din id-direttiva jistabbilixxi dan li ġej:

"1. L-Istat Membru ta' affiljazzjoni jista' jipprevedi sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel għar-[rimbors] tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali, skont dan l-artikolu u l-Artikolu 9. Is-sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel, inklużi l-kriterji u l-applikazzjoni ta' dawk il-kriterji, u d-deċiżjonijiet individwali ta' tiċħid tal-għoti ta' awtorizzazzjoni minn qabel, għandhom ikunu ristretti għal dak li hu meħtieġ u proporzjonali għall-objettiv li jrid jintlaħaq, u ma jistgħux jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew ostaklu mhux iġġustifikat għall-moviment liberu tal-pazjenti.

[…]

3. Fir-rigward tat-talbiet għal awtorizzazzjoni minn qabel magħmula minn persuna assigurata bil-ħsieb li tirċievi kura tas-saħħa transkonfinali, l-Istat Membru ta' affiljazzjoni għandu jaċċerta jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 883/2004 jkunux ġew issodisfati. Fejn dawk il-kundizzjonijiet ikunu ġew issodisfati, l-awtorizzazzjoni minn qabel għandha tingħata skont dak ir-Regolament sakemm il-pazjent ma jitlobx li jsir mod ieħor.

[…]

5. Mingħajr ħsara għall-punti (a) sa (c) tal-paragrafu 6, l-Istat Membru ta' affiljazzjoni ma jistax jirrifjuta li jagħti awtorizzazzjoni minn qabel meta l-pazjent huwa intitolat għall-kura tas-saħħa in kwistjoni, skont l-Artikolu 7, u meta din il-kura tas-saħħa ma tistax tkun ipprovduta fit-territorju tiegħu f'limitu ta' żmien li huwa medikament ġustifikabbli, fuq il-bażi ta' valutazzjoni medika oġġettiva tal-kundizzjoni medika tal-pazjent, l-istorja u l-iżvolġiment probabbli tal-marda tal-pazjent, il-grad tal-uġigħ tal-pazjent u/jew in-natura tad-diżabilità tal-pazjent fiż-żmien meta tkun saret jew ġiet imġedda t-talba għal-awtorizzazzjoni minn qabel."

Id-Dritt Rumen

9. In-Normele Metodologice privind asistența medicală transfrontalieră (l-Istandards Metodoloġiċi dwar il-kura tas-saħħa transkonfinali) (iktar 'il quddiem l-"Istandards Metodoloġiċi"), huma stabbiliti fl-anness tal-Hotărârea Guvernului n 304/2014 pentru aprobarea Normelor metodologice privind asistența medicală transfrontalieră (id-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 304/2014 li tapprova l-istandards metodoloġiċi relatati mal-kura tas-saħħa transkonfinali), tas-16 ta' April 2014 (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni tal-Gvern Nru 304/2014")[6], kif approvati minnha stess.

10. L-Artikolu 3 (1)(b)(i) ta' dawn l-Istandards Metodoloġiċi, li jidher taħt il-Kapitolu II, intitolat "Metodoloġija għar-rimbors ta' prezzijiet/tariffi rappreżentattivi tal-valur tal-kura tas-saħħa transkonfinali, inkluż il-livell tagħhom", jipprovdi:

"1. Fuq talba bil-miktub tal-persuna assigurata, membru tal-familja tagħha (ġenitur, konjuġi, binha/bintha) jew persuna awtorizzata minnha, akkumpanjata minn dokumenti ta' sostenn, il-fond tal-assigurazzjoni tas-saħħa għandu jirrifondi l-kura tas-saħħa transkonfinali pprovduta fit-territorju ta' Stat Membru tal-[Unjoni] u mħallsa minnu, bir-rati previsti fl-Artikolu 4, jekk:

[…]

[6] Ippubblikata fil-*Monitorul Oficial al României*, Parti I, nru 318 tat-30 ta' April 2014.

b) ikunu sodisfatti, il-kriterji ta' eliġibbiltà li ġejjin:

i) is-servizzi mediċi tal-isptar ġew ipprovduti fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea wara eżami mediku, imwettaq minn tabib li jipprovdi servizzi mediċi taħt is-sistema soċjali tal-assigurazzjoni tas-saħħa fir-Rumanija, li ta lok għal applikazzjoni għad-dħul fl-isptar, bl-eċċezzjoni tas-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1, il-kriterju Nru 2, u s-sitwazzjonijiet li jaqgħu taħt il-kriterji ta' ammissjoni mingħajr applikazzjoni għal ammissjoni previsti fil-Contractul-cadru privind condițiile acordării asistenței medicale în cadrul sistemului de asigurări sociale de sănătate (il-kuntratt qafas dwar il-kundizzjonijiet applikabbli għall-provvista ta' kura tas-saħħa fil-kuntest tas-sistema soċjali ta' assigurazzjoni tas-saħħa)."

11. L-Artikolu 3(2) tal-Istandards Metodoloġiċi jippreċiża li l-fraži "'dokumenti ta' sostenn' imsemmija fil-paragrafu 1 tfisser kull dokument mediku, inkluża t-talba għad-dħul fl-isptar, ir-riċetta medika għall-provvista ta' prodotti mediċinali u mezzi mediċi, iċ-ċertifikat mediku li jsemmi r-rakkomandazzjoni għal trattament bi prodotti mediċinali speċifiċi mill-programmi nazzjonali tas-saħħa għal finijiet ta' kura, li jinħareġ fil-qafas tas-sistema ta' assigurazzjoni tas-saħħa Rumena jitwettaq fi spiżeriji b'ċirkwit magħluq – b'kopja – li jiċċertifika li l-persuna assigurata rċeviet servizzi mediċi, mediċini u mezzi mediċi, datati u ffirmati mit-tabib li ħarġu [...]"

Il-fatti, il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

12. Fit-8 ta' Marzu 2018, AF, residenti fir-Rumanija, ġie iddijanjostikat b'adenokarċinoma tal-prostata mill-Klinika tal-Uroloġija u l-Androloġija Endoplus fi Cluj – Napoca (ir-Rumanija).

13. Fid-dawl tal-benefiċċji għas-saħħa tal-pazjent u għall-irkupru sussegwenti, it-trattament rakkomandat kien jikkonsisti fil-prostatektomija bl-użu ta' kirurġijarobotika. AF ġie nfurmat illi robot bħal dan kien jeżisti fl-isptar pubbliku fi Cluj – Napoca (ir-Rumanija), għalkemm ma kienx operattiv f'dak l-istadju, u illi seta' jgħaddi mill-istess intervent fil-privat, bi spiża ta' madwar EUR 13 000.

14. F'dan il-kuntest, AF iddeċieda illi jagħmel l-operazzjoni bl-użu tal-kirurġija robotika, bl-istess spiża, fi klinika speċjalizzata ddedikata esklużivament għal din il-patoloġija, li tinsab fil-Ġermanja.

15. Fil-bidu ta' April 2018, AF talab lill-Fond Dipartimentali tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa ta' Mureș biex tinħariġlu formola speċifika, il-Formola E 112, illi hija meħtieġa għal kura fi Stat Membru ieħor skont ir-Regolament Nru 1408/71, issostitwit bir-Regolament Nru 883/2004, sabiex jikseb l-awtorizzazzjoni biex jivvjaġġa fit-territorju ta' dan l-Istat Membru għat-trattament. Din it-talba ġiet miċħuda.

16. B'mod parallel ma' din il-proċedura, AF ġie offrut l-opportunità illi ssirlu l-operazzjoni fil-Ġermanja fid-9 ta' Mejju 2018, wara l-kanċellazzjoni tal-prenotazzjoni ta' pazjent ieħor għal din l-istess data. Kieku rrifjuta, kien ikollu jistenna data ta' operazzjoni tmien ġimgħat wara illi jirċievi l-ftehim mingħand il-Fond Dipartimentali tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa ta' Mureș). Fl-24 ta' April 2018, AF għalhekk affettwa l-ħlas sabiex jirriserva d-data tad-9 ta' Mejju 2018.

17. Wara illi affettwa dan il-ħlas, AF iddeċieda illi jibgħat it-talba għall-ħruġ tal-formola meħtieġa lill-Fond Dipartimentali tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa ta' Mureș bil-posta rreġistrata. Huwa rċieva risposta illi ndikat illi l-applikazzjoni tiegħu ma saritx bl-użu tal-formola standard ta' applikazzjoni u ma kinitx akkumpanjata mid-dokumenti previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

18. L-operazzjoni kirurġika, illi għaliha kienet ġiet ordnata "ammissjoni medika" mit-8 sal-14 ta' Mejju 2018, saret finalment fid-9 ta' Mejju 2018.

19. Wara l-operazzjoni, mar-ritorn tiegħu fir-Rumanija, AF talab lill-Fond Dipartimentali tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa ta' Mureș għar-rimbors tas-somma ta' EUR 13 069, illi tkopri l-ispiża tal-kura tas-saħħa illi kien irċieva fil-Ġermanja, abbażi tar-Regolament Nru 1408/71, issostitwit bir-Regolament Nru 883/2004, kif ukoll fuq is-sentenza Elchinov tal-5 ta' Ottubru 2010[7]. Il-Fond Dipartimentali tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa ta' Mureș irrifjuta l-ħlas, billi ppreċiża illi sabiex jiġi rrimborsat, il-Formola E 112 kellha tinħareġ qabel it-tluq tal-benefiċjarju u li AF kellu jimxi mal-proċedura prevista fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Gvern Nru 304/2014.

20. AF wieġeb illi huwa kien segwa wkoll din il-proċedura, iżda illi ma rnexxietx, u sostna illi ma kienx ġie rrimborsat minħabba l-fatt illi ma kienx ressaq talba għal dħul fl-isptar minn tabib illi jipprovdi servizzi mediċi taħt is-sistema soċjali tal-assigurazzjoni tas-saħħa fir-Rumanija, kif inhu meħtieġ skont l-Artikolu 3(1)(b)(i) tal-Istandards Metodoloġiċi.

21. Permezz ta' applikazzjoni oħra, AF talab ir-rimbors tal-ispiża tal-kura tas-saħħa transkonfinali mingħand il-Fond Dipartimentali tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa ta' Mureș u ppreżenta kopja ta' ċerti dokumenti mitluba skont l-istandards metodoloġiċi. Din it-talba ġiet miċħuda, minħabba n-nuqqas ta' prova illi AF kien għadda minn eżami mediku illi wassal għal talba għad-dħul fl-isptar imwettqa minn tabib fis-sistema soċjali tal-Assigurazzjoni tas-saħħa fir-Rumanija.

22. AF ippreżenta appell quddiem il-Curtea de Apel Târgu Mureș (il-Qorti tal-Appell ta' Târgu Mureș, ir-Rumanija) intiż għall-annullament parzjali, *inter alia*, tal-Artikolu 3(1)(b)(i) tal-Istandards Metodoloġiċi, kif ukoll ir-rimbors tal-ispejjeż relatati mal-kura medika illi rċieva fil-Ġermanja. B'mod partikolari, huwa sostna illi d-dispożizzjonijiet tad-dritt Rumen dwar il-kundizzjonijiet għar-rimbors tas-servizzi mediċi u l-metodu ta' kalkolu tar-rimbors tal-kura tas-saħħa kienu jikkostitwixxu traspożizzjoni żbaljata tad-Direttiva 2011/24, u illi huwa kien intitolat għar-rimbors tal-ispiża sħiħa tal-kura mwettqa fil-Ġermanja, jew tal-inqas sal-ammont tal-ħlasijiet imħallsa lir-Rumanija permezz tas-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa għall-operazzjoni inkwistjoni fil-preżenza ta' awtorizzazzjoni minn qabel.

23. L-appell ippreżentat minn AF ġie miċħud bħala infondat, permezz ta' sentenza ċivili tat-30 ta' Diċembru 2019 tal-Curtea de Apel Târgu Mureș (il-Qorti tal-Appell ta' Târgu Mureș).

24. Sussegwentement AF ippreżenta appell minn din is-sentenza quddiem l-Înalta Curte de Casație și Justiție (il-Qorti Għolja ta' Kassazzjoni u Ġustizzja), illi hija l-qorti tar-rinviju.

25. Din il-qorti tesprimi dubji dwar il-konformità mad-dritt tal-Unjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Rumen illi jissuġġettaw ir-rimbors tas-servizzi mediċi transkonfinali għat-twettiq ta' eżami mediku minn tabib fis-sistema tas-saħħa pubblika tal-Istat ta' affiljazzjoni, bl-esklużjoni ta' tabib fis-sistema tas-saħħa privata ta' dan l-Istat, u għall-ħruġ minn tali tabib ta' talba għad-dħul fl-isptar, anki jekk is-servizz mediku inkwistjoni huwa pprovdut fi Stat Membru ieħor.

[7] C-173/09, iktar 'il quddiem is-"sentenza Elchinov", EU:C:2010:581.

26. Hija tiddubita wkoll jekk ir-regola nazzjonali illi tillimita l-ammont ta' rimbors tal-ispejjeż tas-servizzi mediċi transkonfinali b'mod sinjifikattiv fir-rigward tal-ispejjeż effettivament sostnuti mill-persuna assigurata fl-Istat Membru illi pprovda dawn is-servizzi mediċi hijiex konformi mad-dritt tal-Unjoni.

27. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l'Înalta Curte de Casație și Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja) iddeċidiet illi tissospendi l-proċeduri u illi tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 49; l-Artikolu 56 TFUE u l-Artikolu 7(7) tad-Direttiva [2011/24] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni li tissuġġetta awtomatikament ir-rimbors tal-ispejjeż sostnuti mill-persuna assigurata b'mod obbligatorju fl-Istat Membru ta' residenza għal evalwazzjoni medika mwettqa minn persunal mediku li jipprovdi servizzi mediċi fis-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa ta' dak l-Istat u għall-ħruġ sussegwenti minn dan il-persunal mediku ta' talba għal dħul fl-isptar, mingħajr ma din il-persuna titħalla tissottometti dokumenti mediċi ekwivalenti maħruġa minn istituzzjonijiet mediċi tas-saħħa parti mis-sistema privata, anki fis-sitwazzjoni fejn id-dħul fl-isptar ġa seħħ u s-servizz mediku kien ipprovdut fi Stat Membru differenti min dak tar-residenza tal-persuna assigurata?

2) L-Artikolu 49; l-Artikolu 56 TFUE; l-Artikolu 22(1)(ċ) tar-Regolament [Nru 1408/71], il-prinċipji ta' moviment liberu tal-pazjenti u tas-servizzi, kif ukoll il-prinċipju ta' effiċjenza u l-prinċipju ta' proporzjonalità għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li, fil-każ ta' nuqqas ta' awtorizzazzjoni minn qabel, tistabbilixxi l-ammont ta' servizzi li jridu jitħallsu fil-livell tal-ispejjeż li kienu jitħallsu mill-Istat Membru ta' residenza, kieku l-assistenza medika kienet ingħatat fit-territorju tiegħu, permezz ta' formola ta' kalkolu li tillimita l-ammont ta' dan il-kumpens b'mod sinjifikattiv meta mqabbla mal-ispejjeż fil-fatt sostnuti mill-persuna assigurata fl-Istat Membru li pprovda dawn is-servizzi mediċi?"

28. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Gvern Pollakk.

Analiżi

Osservazzjonijiet preliminari

29. Infakkar illi hemm ċerta sovrappożizzjoni ta' kompetenzi fil-qasam tas-sistema tas-saħħa, illi inevitabbilment toħloq tensjonijiet bejn minn naħa, is-sovranità tal-Istati Membri sabiex jorganizzaw is-sistemi tagħhom tas-saħħa [8], u min-naħa l-oħra l-libertajiet fundamentali.

30. Skont ġurisprudenza stabbilita, is-servizzi mediċi li jingħataw bi ħlas jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-libertà illi jiġu pprovduti servizzi, inklużi meta l-kura tkun ingħatat f'kuntest ta' sptar. Il-libertà illi jiġu pprovduti servizzi tinkludi l-libertà tad-destinatarji tas-servizzi, b'mod partikolari ta' persuni illi għandhom jirċievu l-kura medika, illi jmorru fi Stat Membru ieħor sabiex hemm jibbenefikaw minn dawn is-servizzi [9].

[8] Ara l-Artikolu 168(7) TFUE; ara, wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Trstenjak fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-562/10, EU:C:2012:210, punt 54).

[9] Ara s-sentenza Elchinov (punti 36 u 37 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

31. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta wkoll illi d-dritt tal-Unjoni ma jaffettwax il-kompetenza tal-Istati Membri illi jorganizzaw is-sistemi ta' sigurtà soċjali tagħhom. Hija l-leġiżlazzjoni ta' kull Stat Membru illi għandha tiddetermina, minn naħa, il-kundizzjonijiet għad-dritt jew għall-obbligu li wieħed jissieħeb fi skema tas-sigurtà soċjali u, min-naħa l-oħra, il-kundizzjonijiet illi jagħtu d-dritt għall-benefiċċji. Madankollu, jibqa' l-fatt li fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, l-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-liġi tal-Unjoni [10], b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet relatati mal-libertà illi jiġu pprovduti servizzi [11].

32. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll ripetutament illi l-Artikolu 56 TFUE jipprekludi l-applikazzjoni ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni nazzjonali illi jkollha l-effett illi tagħmel il-provvista ta' servizzi bejn l-Istati Membri iktar diffiċli mill-provvista ta' servizzi purament intern fi Stat Membru [12] u illi jikkostitwixxu restrizzjonijiet għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi l-miżuri nazzjonali li jipprojbixxu, jostakolaw jew jagħmlu inqas attraenti l-eżerċizzju ta' din il-libertà [13].

33. Fir-rigward tad-Direttiva 2011/24, mill-premessa 4 tagħha jirriżulta illi, minkejja l-possibbiltà li l-pazjenti jirċievu kura tas-saħħa transkonfinali skont din id-direttiva, l-Istati Membri jżommu r-responsabbiltà li jipprovdu kura tas-saħħa sikura, ta' kwalità għolja, effiċjenti u kwantitattivament adegwata liċ-ċittadini li jirrisjedu fit-territorju tagħhom.

34. Jirriżulta barra minn hekk mill-premessi 7 u 8 tagħha illi, filwaqt illi tirrispetta u ma hija mingħajr preġudizzju għal-libertà ta' kull Stat Membru illi jiddeċiedi liema tip ta' kura tas-saħħa jqis bħala dik adegwata, id-Direttiva 2011/24 hija maħsuba biex tilħaq applikazzjoni iktar ġenerali u anki iktar effettiva tal-prinċipji żviluppati skont il-każ mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar ċerti aspetti relatati mal-kura tas-saħħa pprovduti fi Stat Membru għajr dak fejn jirrisjedi l-benefiċjarju, b'mod partikolari r-rimbors ta' dik il-kura.

35. Din id-direttiva tapplika, skont l-Artikolu 2(m) tagħha, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti Nri 883/2004 u 987/2009.

36. Għalhekk, fil-Kapitolu III tad-Direttiva 2011/24, illi jirregola r-rimbors tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali, l-Artikolu 7 tagħha, intitolat "Prinċipji ġenerali għar-rimborż tal-ispejjeż", jistabbilixxi, fil-paragrafu 1 tiegħu, il-prinċipju illi, mingħajr ħsara għar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 8 u 9 ta' din id-direttiva, l-Istat Membru ta' affiljazzjoni għandu jiżgura illi l-ispejjeż magħmula mill-persuna assigurata illi tirċievi kura tas-saħħa transkonfinali jiġu rimborsati, jekk il-kura tas-saħħa inkwistjoni tkun fost il-benefiċċji illi l-persuna assigurata hija intitolata għalihom fl-Istat Membru ta' affiljazzjoni.

37. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2011/24 jipprovdi illi l-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali għandhom jiġu rrimborsati jew imħallsa direttament mill-Istat Membru ta' affiljazzjoni sal-livell tal-ispejjeż illi kienu jitħallsu kieku din il-kura tas-saħħa kienet ipprovduta fit-territorju tiegħu mingħajr ma jinqabżu l-ispejjeż reali tal-kura tas-saħħa riċevuta.

[10] Ara s-sentenza tat-12 ta' Lulju 2001, Smits u Peerbooms (C-157/99, iktar 'il quddiem is-"sentenza Smits u Peerbooms", EU:C:2001:404, punti 44 sa 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[11] Ara, fost oħrajn, is-sentenzi tas-16 ta' Mejju 2006, Watts (C-372/04, EU:C:2006:325, punt 92), u tal-15 ta' Ġunju 2010, il-Kummissjoni vs Spanja (C-211/08, EU:C:2010:340, punt 53).

[12] Ara, fost oħrajn, is-sentenzi tal-5 ta' Ottubru 1994, Il-Kummissjoni vs Franza (C-381/93, EU:C:1994:370, punt 17); Smits u Peerbooms (punt 61) kif ukoll tad-19 ta' April 2007, Stamatelaki (C-444/05, EU:C:2007:231, punt 25).

[13] Ara, is-sentenza tas-26 ta' Settembru 2024, Nord Vest Pro Sani Pro (C-387/22, EU:C:2024:786, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38. Essenzjalment, mill-Artikolu 7(7) ta' din id-Direttiva jirriżulta wkoll illi l-Istat Membru ta' affiljazzjoni jista' jimponi fuq persuna assigurata illi tkun qed tipprova tikseb rimbors tal-ispejjeż ta' kura tas-saħħa transkonfinali, l-istess kondizzjonijiet, kriterji ta' eliġibbiltà u formalitajiet regolatorji u amministrattivi- kemm jekk stabbiliti fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali- illi timponi kieku din il-kura tas-saħħa kienet ipprovduta fit-territorju tiegħu, u jinkludi valutazzjoni minn professjonist tas-saħħa, sakemm dawn il-kundizzjonijiet, kriterji ta' eliġibbiltà u l-formalitajiet regolatorji u amministrattivi ma jkunux diskriminatorji jew ma jikkostitwixxux ostaklu għall-moviment liberu tal-pazjenti, tas-servizzi jew tal-merkanzija, u sakemm ma jkunux oġġettivament ġustifikati mir-rekwiżiti tal-ippjanar.

39. Fl-aħħar nett, mill-Artikolu 7(8) tad-Direttiva 2011/24 jirriżulta illi l-Istat Membru ta' affiljazzjoni ma għandux jissuġġetta r-rimbors tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali għal awtorizzazzjoni minn qabel, ħlief fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 8 ta'din id-direttiva [14].

40. B'hekk, sabiex sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2011/24, il-kura tas-saħħa inkwistjoni għandha tkun parti mill-benefiċċji illi l-persuna assigurata hija intitolata għalihom fl-Istat Membru ta' affiljazzjoni. F'dan il-każ, mill-informazzjoni illi għandha l-Qorti tal-Ġustizzja, u b'mod partikolari mir-risposti tal-qorti tar-rinviju għad-domandi magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, jirriżulta illi l-intervent mediku inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa fost il-benefiċċji illi persuna assigurata għandha dritt għalihom fit-territorju Rumen.

41. Inżid illi nistaqsi jekk, għalkemm l-ewwel domanda preliminari, illi hija s-suġġett ta' dawn il-konklużjonijiet immirati, tikkonċerna d-Direttiva 2011/24, it-tieni tirrigwarda r-Regolament Nru 1408/71, illi ġie ssostitwit mir-Regolament Nru 883/2004, u tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-limitazzjonijiet tal-ammont ta' benefiċċji illi jistgħu jkunu koperti. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà osservat "l-eżistenza ta' differenza sistematika bejn is-sistema ta' rimbors implimentata mir-Regolament Nru 883/2004 u dik prevista mid-Direttiva 2011/24" [15].

42. F'dan ir-rigward, għall-finijiet ta' kompletezza, infakkar illi, skont il-premessi 30 u 31 tad-Direttiva 2011/24, is-sistema stabbilita mir-regolamenti tal-Unjoni dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u s-sistema stabbilita minn din id-direttiva għandhom ikunu koerenti għall-pazjenti, b'tali mod illi waħda minnhom tkun applikabbli. Barra minn hekk, il-pazjenti ma għandhomx jiċċaħħdu mill-benefiċċju tad-drittijiet iktar vantaġġużi ggarantiti mir-Regolamenti tal-Unjoni dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali meta jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet. Konsegwentement, kwalunkwe pazjent li jitlob awtorizzazzjoni biex jirċievi trattament adatt għall-kondizzjoni tiegħu fi Stat Membru ieħor għandu dejjem jingħata din l-awtorizzazzjoni skont il-kundizzjonijiet stipulati fir-regolamenti tal-Unjoni meta t-trattament ikkonċernat huwa fost il-benefiċċji previsti mil-leġiżlazzjoni fl-Istat Membru fejn jirresjedi l-pazjent u meta l-pazjent ma jistax jingħata dan it-trattament f'terminu medikament ġustifikabbli, b'kont meħud tal-istat tas-saħħa attwali tiegħu u l-perkors probabbli tal-kundizzjoni tiegħu. Madankollu, jekk minflok pazjent jitlob espliċitament li jieħu trattament skont it-termini tad-Direttiva 2011/24, il-benefiċċji li japplikaw għar-rimbors għandhom ikunu limitati għal dawk li japplikaw skont din id-direttiva. Meta l-pazjent ikun intitolat għall-kura

[14] Għaldaqstant, is-sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel illi l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu skont id-Direttiva 2011/24 hija ta' natura eċċezzjonali (ara f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Hogan fil-kawża Veselības ministrija (C-243/19, EU:C:2020:325, punt 65)).

[15] Ara s-sentenza tad-29 ta' Ottubru 2020, Veselības ministrija (C-243/19, iktar 'il quddiem is-"sentenza Veselības ministrija", EU:C:2020:872, punt 72).

tas-saħħa transkonfinali sew fit-termini ta' din id-direttiva kif ukoll f'dawk tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, u l-applikazzjoni ta' dak ir-regolament tkun aktar vantaġġuża għall-pazjent, l-attenzjoni tal-pazjent għandha tingħibed lejn dan il-punt mill-Istat Membru ta' affiljazzjoni.

Fuq l-ewwel domanda

43. Id-domanda preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju, illi hija s-suġġett ta' dawn il-konklużjonijiet immirati, tikkonċerna l-kriterju ta' eliġibbiltà impost mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, illi, essenzjalment, jissuġġetta r-rimbors ta' servizzi ta' sptar ipprovduti fi Stat Membru ieħor għal żewġ kundizzjonijiet, jiġifieri illi dawn is-servizzi jsegwu eżami mediku mwettaq esklużivament minn tabib kopert mill-iskema pubblika ta' assigurazzjoni għall-mard tal-Istat Membru ta' affiljazzjoni, u ma setgħux ġew ipprovduti taħt is-sistema privata, u li t-talba sussegwenti għad-dħul fl-isptar issir minn tali tabib fl-Istat Membru ta' affiljazzjoni, minkejja illi s-servizz tal-isptar ikun ipprovdut fi Stat Membru ieħor.

44. Inqis li huwa utli li jiġi nnutat illi, għalkemm mill-provi fil-proċess jirriżulta illi l-intervent mediku inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa fost is-servizzi illi għalihom ir-Rumanija teħtieġ, bil-għan tar-rimbors tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali, awtorizzazzjoni minn qabel, illi għandha tinħareġ mill-istituzzjoni kompetenti qabel it-tluq tal-persuna assigurata, is-sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel ma hijiex is-suġġett ta' din id-domanda preliminari.

45. Għall-finijiet ta' din il-kawża, nissuġġerixxi illi l-Qorti tal-Ġustizzja tifformula mill-ġdid id-domanda preliminari sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' tevalwa jekk l-Artikolu 56 TFUE [16] kif ukoll l-Artikolu 7(7) tad-Direttiva 2011/24 għandhomx jiġu interpretati fis-sens illi jipprekludu leġiżlazzjoni illi tissuġġetta awtomatikament ir-rimbors tal-ispejjeż transkonfinali tal-kura tas-saħħa sostnuti mill-persuna assigurata fl-Istat Membru ta' affiljazzjoni [17] għat-twettiq ta' eżami mediku minn tabib illi jipprovdi servizzi mediċi fl-iskema pubblika ta' assigurazzjoni tas-saħħa ta' dak l-Istat u għall-ħruġ sussegwenti minn dak it-tabib li għamel it-talba għal dħul fl-isptar, mingħajr ma jkun permess illi jiġu ppreżentati dokumenti ekwivalenti [18] maħruġa minn tabib illi ma jagħmilx parti mis-sistema ta' assigurazzjoni tas-saħħa pubblika ta' dak l-Istat.

46. Sabiex tingħata risposta utli għal din id-domanda, l-ewwel ser nispjega x'għandu jinftiehem, fil-fehma tiegħi, bħala "valutazzjoni minn professjonist tas-saħħa jew amministratur tal-kura tas-saħħa li jipprovdu servizzi għas-sistema tas-sigurtà soċjali statutorja jew is-sistema tas-saħħa nazzjonali tal-Istat Membru ta' affiljazzjoni", fis-sens tal-Artikolu 7(7) tad-Direttiva 2011/24, kif ukoll ir-raġunijiet għalfejn inqis illi Stat Membru jista' jinvoka din id-dispożizzjoni sabiex jitlob evalwazzjoni medika minn professjonist tal-qasam tas-saħħa kopert mill-iskema ta' assigurazzjoni tas-saħħa pubblika tal-Istat Membru inkwistjoni, bl-esklużjoni ta' tabib illi ma jaqax taħt din is-sistema. Imbagħad, ikun xieraq illi tiġi eżaminata, b'mod iktar speċifiku, il-kundizzjoni doppja imposta mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, is-servizzi transkonfinali tal-isptar isegwu eżami mediku mwettaq minn professjonist tas-saħħa kopert mill-iskema ta' assigurazzjoni tas-saħħa pubblika Rumena, illi wasslet barra minn hekk għat-talba għal dħul fl-isptar maħruġa mill-istess

[16] Ma hemm xejn fil-proċess illi juri illi l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija dwar l-eżerċizzju tal-libertà ta' stabbiliment, kif stabbilita fl-Artikolu 49 TFUE.

[17] Filwaqt li t-terminu "Stat Membru ta' residenza" huwa użat fir-Regolamenti Nri 883/2004 u 987/2009, id-Direttiva 2011/24 tuża t-terminu "Stat Membru ta' affiljazzjoni".

[18] Il-kliem "dokumenti ekwivalenti" huma ppreferuti għal dawk ta' "ċertifikati mediċi ekwivalenti", minħabba illi huma iktar wiesgħa u probabbli illi jinkludu kull tip ta' dokumenti illi joriġinaw minn professjonisti tas-saħħa jew istituzzjonijiet mediċi.

tabib. Imbagħad tqum ukoll il-kwistjoni dwar jekk dan il-kriterju ta' eliġibbiltà ma jikkostitwixxix ostakolu għall-moviment liberu tal-pazjenti jew tas-servizzi, kif ukoll, jekk ikun il-każ, jekk huwiex oġġettivament iġġustifikat fir-rigward tal-għan imfittex.

Dwar il-valutazzjoni minn professjonist tas-saħħa jew amministratur tas-saħħa li jipprovdu servizzi għas-sistema tas-sigurtà soċjali obbligatorja jew is-sistema nazzjonali tas-saħħa tal-Istat Membru ta' affiljazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 7(7) tad-Direttiva 2011/24

47. Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-finijiet tal-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet segwiti mil-leġiżlazzjoni illi minnha hija tagħmel parti [19].

48. Kif huwa fformulat, l-Artikolu 7(7) tad-Direttiva 2011/24 jipprevedi illi Stat Membru ta' affiljazzjoni jista' jimponi valutazzjoni minn professjonist tas-saħħa jew amministratur tal-kura tas-saħħa illi jipprovdu servizzi għas-sistema tas-sigurtà soċjali statutorja jew is-sistema tas-saħħa nazzjonali tal-Istat Membru ta' affiljazzjoni, bħall-prattikant ġenerali jew il-prattikant tal-kura primarja ma' min ikun irreġistrat il-pazjent, jekk dan ikun neċessarju għad-determinazzjoni tad-dritt tal-pazjent individwali għall-kura tas-saħħa.

49. Għalhekk, il-verżjoni bil-Franċiż ta' din id-dispożizzjoni tirreferi espressament għas-sistema ta' sigurtà soċjali statutorja jew għas-sistema tas-saħħa nazzjonali tal-Istat Membru ta' affiljazzjoni illi għaliha jipprovdi servizzi l-professjonist tas-saħħa jew amministratur tal-kura tas-saħħa. L-istess japplika għal verżjonijiet lingwistiċi oħra, illi l-kliem tagħhom huwa daqstant preċiż [20].

50. Minn perspettiva kuntestwali, ninnota illi l-premessa 37 tad-Direttiva 2011/24 tagħmel riferiment għall-possibilità illi l-Istati Membri jistgħu jżommu kondizzjonijiet ġenerali, kriterji għall-eliġibbiltà u formalitajiet regolatorji u amministrattivi għall-kisba tal-tar-rimbors tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa fir-rigward tal-pazjenti illi jfittxu kura tas-saħħa fi Stat Membru ieħor, isemmi b'mod speċifiku, bħala eżempju, l-obbligu illi wieħed jikkonsulta tabib ġenerali qabel ma jmur għand speċjalista jew jirċievi kura fl-isptar.

51. L-Artikolu 1(4) tad-Direttiva 2011/24 jipprovdi wkoll illi ma hemm xejn f'din id-Direttiva illi jobbliga lil Stat Membru jirrimborsa l-ispejjeż ta' kura tas-saħħa pprovduti minn forniturі ta' kura tas-saħħa stabbiliti fit-territorju tiegħu stess jekk dawk il-forniturі ma jkunux parti mis-"sistema tas-sigurtà soċjali jew mis-sistema tas-saħħa pubblika ta' dak l-Istat Membru".

52. Barra minn hekk, fir-rigward tal-għanijiet tad-Direttiva 2011/24, il-proposta tad-Direttiva 2011/24 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transkonfinali tindika illi tħalli lill-Istati Membri marġni kunsiderevoli għall-implimentazzjoni tal-prinċipji ġenerali stabbiliti minn din id-direttiva, skont

[19] Ara s-sentenza tat-18 ta' Settembru 2019, VIPA (C-222/18, EU:C:2019:751, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[20] Pereżempju, il-verżjoni bil-lingwa Spanjola tirreferi għal "*sistema de seguridad social o el sistema nacional de sanidad obligatorio*" (sistema tas-sigurtà soċjali jew sistema tas-saħħa nazzjonali obbligatorja); il-verżjoni bil-lingwa Ġermaniża għal "*die gesetzliche Sozialversicherung oder das nationale Gesundheitssystem*" (sigurtà soċjali statutorja jew sistema nazzjonali tas-saħħa); il-verżjoni bil-lingwa Ingliża għas-"*statutory social security system or national health system*" (sistema statutorja tas-sigurtà soċjali jew sistema tas-saħħa nazzjonali); il-verżjoni Taljana għas-"*sistema obbligatorio di sicurezza sociale*" (sistema obbligatorja tas-sigurtà soċjali); il-verżjoni bil-lingwa Olandiża għal "*het wettelijke socialezekerheids- of gezondheidszorgstelsel*" (sistema statutorja tas-sigurtà soċjali jew tal-kura tas-saħħa) ; kif ukoll il-verżjoni bil-lingwa Rumena għas-"*sistemului obligatoriu de securitate socială sau sistemului național de sănătate*" (sistema obbligatorja tas-sigurtà soċjali jew sistema nazzjonali tas-saħħa).

iċ-ċirkustanzi nazzjonali, reġjonali jew lokali tagħhom, u, fost l-oħrajn, illi ma jaffettwawx id-dritt tal-Istati Membri illi jagħmlu s-servizzi suġġetti għal ċerti kundizzjonijiet, bħal żjara għand it-tabib ġenerali qabel kwalunkwe trattament minn speċjalista [21].

53. Minn diversi stqarrijiet għall-istampa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jirriżulta wkoll illi, matul id-dibattiti dwar l-abbozz tad-Direttiva 2011/24, l-opinjonijiet kienu differenti dwar jekk il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva għandux ikun limitat għal dawk illi jipprovdu l-kura tas-saħħa marbuta b'kuntratt mas-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika jew inkella rikonoxxuti mis-sistema pubblika b'mod ieħor jew jekk għandux jiġi estiż ukoll għal forniturі privati tal-kura tas-saħħa illi ma humiex hekk rikonoxxuti [22].

54. Għaldaqstant ġie miftiehem illi l-Istati Membri jistgħu jadottaw dispożizzjonijiet sabiex jiżguraw illi l-pazjenti illi jirċievu kura tas-saħħa transkonfinali jibbenefikaw mill-istess drittijiet bħal dawk illi kienu jibbenefikaw minnhom kieku rċevew din il-kura taħt kundizzjonijiet komparabbli fl-Istat Membru ta' affiljazzjoni. L-Istati Membri jistgħu jimmaniġġjaw il-ħruġ ta' pazjenti billi jirrikjedu awtorizzazzjoni minn qabel għal ċerti servizzi tal-kura tas-saħħa (jiġifieri dawk illi jirrikjedu illi l-pazjent jibqa' l-isptar matul il-lejl, dawk illi jeħtieġu l-użu ta' infrastruttura medika speċjalizzata ħafna u għalja jew iqajmu tħassib dwar il-kwalità jew is-sigurtà tal-kura) jew billi japplikaw il-prinċipju ta' "filtru" ("gatekeeping"), pereżempju permezz tat-tabib kuranti [23].

55. Matul id-diskussjonijiet dwar l-adozzjoni tad-Direttiva 2011/24, il-Kummissjoni esprimiet barra minn hekk illi l-esklużjoni ta' ċerti forniturі, kemm pubbliċi kif ukoll privati, għal raġunijiet ta' tħassib oġġettiv, konkret u leġittimu dwar il-kwalità u s-sigurtà, hija kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, sa fejn ma taffettwax id-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali [24].

56. Għalhekk, għalkemm id-Direttiva 2011/24, armonizzat b'mod partikolari, ċerti prinċipji applikabbli għar-rimbors tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali, hija ma armonizzatx id-dritt tas-sigurtà soċjali u s-sistemi tas-sigurtà soċjali stabbiliti minn kull wieħed mill-Istati Membri. L-istruttura duwalista ta' sistema ta' sigurtà soċjali obbligatorja jew ta' sistema nazzjonali tas-saħħa illi tiddistingwi bejn mediċina pubblika u dik privata ma tistax tiġi kkritikata fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, sakemm ma tkunx diskriminatorja u ma tikkostitwixxix ostakolu illi ma jkunx oġġettivament iġġustifikat għall-moviment liberu tal-pazjenti, tas-servizzi jew tal-oġġetti.

[21] Proposta tat-2 ta' Lulju 2008,[SEC(2008) 2163][SEC(2008) 2164][SEC(2008) 2183] /* COM/2008/0414 final – COD 2008/0142, punt 4(c) u punt 7.1.

[22] Stqarrija għall-istampa, 2947-il laqgħa tal-Kunsill – Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur – Lussemburgu, 8 u 9 ta' Ġunju 2009, 9721/2/09 REV 2, Stampa 124, p. 12. Ara, ukoll stqarrija għall-istampa, 2980-il laqgħa tal-Kunsill – Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur – Brussell, 30 ta' Novembru 2009 u 1 ta' Diċembru 2009, 16611/1/09 REV 1, Stampa 348, p. 13: l-intenzjoni kienet tkun li tiġi rispettata bis-sħiħ il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja filwaqt li jiġi ppreżervat id-dritt tal-Istati Membri li jorganizzaw is-sistema tal-kura tas-saħħa tagħhom.

[23] Stqarrija għall-istampa, 3019-il laqgħa tal-Kunsill – Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur – il-Lussemburgu, 7 u 8 ta' Ġunju 2010, 10560/10, Stampa 156, p. 16; ara wkoll stqarrija għall-Istampa, 2916-il laqgħa tal-Kunsill – Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur – Brussell, 16 u 17 ta' Diċembru 2008, 16825/08, Stampa 358, p. 9.

[24] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 294(6) [TFUE] dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari dwar l-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transkonfinali, COM(2010) 503 final, 2008/0142 (COD), 20 ta' Settembru 2010, paġni 7 u 10, li tagħmel riferiment għad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Settembru 2005, dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU 2005, L 255, p. 22 u rettifiki fil-ĠU 2007, L 271, p. 18, ĠU 2008, L 93, p. 28, ĠU 2014, L 305, p. 115).

57. Madankollu, jidhirli importanti illi nippreċiża illi, fl-aħħar mill-aħħar, id-Direttiva 2011/24 hija intiża li tippermetti liċ-ċittadini tal-Unjoni jirċievu kura kemm privata jew kuntrattwali kif ukoll pubblika fl-Istati Membri kollha [25] u illi l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva ma kienx fih innifsu limitat għall-forniturі tal-kura tas-saħħa marbuta b'kuntratt mas-sistema tal-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika jew rikonoxxuti b'mod ieħor mis-sistema pubblika [26]. Madankollu, il-firxa ta' kura tas-saħħa koperta u l-kundizzjonijiet ta' aċċess għar-rimbors fil-prattika x'aktarx illi jvarjaw minn Stat għal ieħor, il-libertà illi jiġu pprovduti servizzi ma tagħtix dritt fundamentali għal ċerta organizzazzjoni tas-sistema tas-saħħa nazzjonali partikolari [27].

58. Għaldaqstant, inqis li s-"sistema obbligatorja tas-sigurtà soċjali" jew is-"sistema tas-saħħa nazzjonali", fis-sens tal-Artikolu 7(7) tad-Direttiva 2011/24, għandha tinftiehem bħala s-sistema tas-saħħa pubblika, stabbilita u organizzata minn kull Stat. Peress illi l-Istati Membri stabbilixxew sistemi nazzjonali differenti, hija r-responsabbiltà tagħhom illi jiddeterminaw liema professjonisti tas-saħħa huma koperti mis-sistema tas-saħħa tagħhom, filwaqt illi hu ppreċiżat illi xi sistemi jinkludu fornituri privati kuntrattwali.

59. Għaldaqstant, l-Artikolu 7(7) tad-Direttiva 2011/24 jippermetti lill-Istati Membri jżommu sistema ta' filtrazzjoni (*gatekeeping*), illi permezz tagħha, fejn ikun il-każ, professjonist tas-saħħa illi jipprovdi servizzi għas-sistema tas-saħħa pubblika jiddetermina d-dritt ta' pazjent għal ċerta kura tas-saħħa.

60. Għaldaqstant, inqis illi mill-kliem tal-Artikolu 7(7) tad-Direttiva 2011/24, kif ukoll mill-kuntest u l-għanijiet segwiti minn din id-direttiva, jirriżulta illi l-Istati Membri jistgħu jeżiġu illi l-assigurati tagħhom, illi jixtiequ jibbenefikaw minn rimbors tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali, ikollhom evalwazzjoni minn professjonist tal-qasam tas-saħħa kopert mill-iskema ta' assigurazzjoni tas-saħħa pubblika tal-Istat Membru ta' affiljazzjoni, u jirrifjutaw ir-rimbors meta tali valutazzjoni tkun ġejja minn tabib illi ma jaqax taħt dik l-iskema.

61. Ir-riferiment magħmul mill-qorti tar-rinviju għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, Casa Națională de Asigurări de Sănătate u Casa de Asigurări de Sănătate Constanța ma tinvalidax din il-konklużjoni [28]. Ċertament, fil-fatt, huwa minnu li, billi ddeċidiet fil-kuntest tas-sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel taħt l-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 883/2004, moqri flimkien mal-Artikolu 26(4) tar-Regolament Nru 987/2009, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li leġiżlazzjoni nazzjonali li teżiġi li talba għal awtorizzazzjoni għal trattament barra mill-Istat Membru ta' residenza tkun akkumpanjata minn rapport mediku li jindika

[25] Għalhekk, l-Artikolu 3(a) tad-Direttiva 2011/24 jistipula illi l-"kura tas-saħħa" tfisser "servizzi tas-saħħa pprovduti minn professjonisti tas-saħħa lill-pazjenti biex jivvalutaw, iżommu jew ireġġgħu lura l-istat tas-saħħa tagħhom, inklużi l-preskrizzjoni, l-għoti u l-forniment ta' prodotti mediċinali u apparati mediċi", mingħajr ma ssir distinzjoni bejn is-servizzi tas-saħħa pubbliċi u privati. Ara wkoll l-abbozz ta' dikjarazzjoni spjegattiva tal-Kunsill tat-3 ta' Settembru 2010, fajl interistituzzjonali 2008/0142 (COD), p. 4; "The Top Ten Mistakes Patients make in Cross-border Healthcare", Kummisjoni Ewropea 2018, disponibbli fuq is-sit li ġej: https://health.ec.europa.eu/document/download/b2a023c2-2af5-4ef7-b886-2b9203d355el_en?filename=2018_10mistakes_en.pdf&prefLang=fr.

[26] L-artikolu 3(f) tad-Direttiva 2011/24 jiddefinixxi l-"professjonist tas-saħħa" bħala "tabib, infermiera responsabbli għall-kura ġenerali, dentist, majjistra jew spiżjar fis-sens tad-[Direttiva 2005/36], jew professjonist ieħor illi jeżerċita attivitajiet fis-settur tal-kura tas-saħħa illi huma ristretti għal professjoni regolata kif definit fl-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva [2005/36], jew persuna meqjusa illi hi professjonist tas-saħħa skont il-leġislazzjoni tal-Istat Membru tat-trattament". Kif imsemmi fil-punt 51 ta' dawn il-konklużjonijiet, huma l-Istati Membri illi għandhom jiddeterminaw jekk jixtiqux jirrimborsaw l-ispejjeż tal-kura tas-saħħa pprovduti minn fornituri tal-kura tas-saħħa illi huma barra mis-sistema tas-sigurtà soċjali tagħhom jew mis-sistema tal-kura tas-saħħa pubblika tagħhom.

[27] Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali Trstenjak fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-562/10, EU:C:2012:210, punt 55).

[28] C-538/19, iktar 'il quddiem is-"sentenza Casa Națională de Asigurări de Sănătate", EU:C:2021:809.

d-dijanjosi kif ukoll it-trattament li għandu jitwettaq, maħruġa minn tabib kopert mill-iskema nazzjonali ta' assigurazzjoni tas-saħħa pubblika, timponi kundizzjoni li tmur lil hinn minn dawk previsti fl-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 883/2004[29].

62. Madankollu, kuntrarjament għall-kliem tal-Artikolu 26(4) tar-Regolament Nru 987/2009, li jipprevedi l-possibbiltà għall-istituzzjoni kompetenti matul il-proċedura ta' għoti ta' awtorizzazzjoni minn qabel, li teżamina l-persuna assigurata minn *tabib tal-għażla tagħha* fl-*Istat Membru ta' soġġorn jew residenza*, l-Artikolu 7(7) tad-Direttiva 2011/24 jipprevedi espressament illi jista' jkun professjonist tas-saħħa jew amministratur tas-saħħa li jipprovdi servizzi għas-*sistema tas-sigurtà soċjali obbligatorja jew is-sistema tas-saħħa nazzjonali tal-Istat Membru ta' affiljazzjoni*.

Dwar il-kundizzjoni doppja relatata mal-evalwazzjoni minn tabib kopert mill-iskema tal-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika Rumena, li tat lok għal talba għal dħul fl-isptar

63. L-Artikolu 7(7) tad-Direttiva 2011/24 ma fihx lista eżawrjenti tal-kundizzjonijiet, il-kriterji ta' eliġibbiltà u l-formalitajiet regolatorji u amministrattivi li l-Istat Membru ta' affiljazzjoni jista' jimponi fuq persuni assigurati li jixtiequ jibbenefikaw mir-rimbors tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali. Bħala eżempju tissemma' biss valutazzjoni minn professjonist tas-saħħa jew amministratur tas-saħħa li jipprovdi servizzi għas-sistema tas-sigurtà soċjali obbligatorja jew is-sistema nazzjonali tas-saħħa tal-Istat Membru ta' affiljazzjoni, bħalma huwa t-tabib ġenerali jew il-fornitur tal-kura primarja li miegħu huwa rreġistrat il-pazjent. Madankollu, minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li dawn il-kundizzjonijiet, il-kriterji ta' eliġibbiltà u l-formalitajiet regolatorji u amministrattivi għandhom ikunu l-istess bħal dawk imposti għall-kura tas-saħħa pprovduta fit-territorju tal-Istat Membru ta' affiljazzjoni, u ma jistgħux la jkunu diskriminatorji u lanqas jikkostitwixxu ostaklu għall-moviment liberu ta' pazjenti, servizzi jew oġġetti, sakemm ma jkunx oġġettivament iġġustifikat.

64. F'dan ir-rigward, mill-elementi tal-fajl jirriżulta li l-kriterju ta' eliġibbiltà stabbilit fl-Artikolu 3(1)(b) tal-Istandards Metodoloġiċi, li jgħid li r-rimbors tal-kura tas-saħħa transkonfinali huwa suġġett għat-twettiq ta' evalwazzjoni minn professjonist tas-saħħa kopert mill-iskema pubblika ta' assigurazzjoni tal-mard tal-Istat Membru ta' residenza tal-persuna assigurata, li twassal għat-tressiq, minn dan il-professjonist tas-saħħa, ta' talba għal dħul fl-isptar, tapplika wkoll għall-kura medika mogħtija fit-territorju Rumen. Minn dan isegwi li l-kriterju ta' eliġibbiltà stabbilit fl-Artikolu 3(1)(b) tal-Istandards Metodoloġiċi japplika kemm għall-kura transkonfinali kif ukoll għall-kura medika mogħtija fit-territorju Rumen.

65. Madankollu, dan il-kriterju ta' eliġibbiltà, jikkostitwixxi ostakolu għall-moviment liberu tal-pazjenti jew tas-servizzi?

66. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tikkostitwixxi ostakolu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi meta, għalkemm ma tipprekludix direttament lill-persuni affiljati mal-iskema tal-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika milli jużaw fornitur ta' servizzi mediċi stabbilit fi Stat Membru ieħor, din għandha effett dissważiv fuq l-użu ta' servizzi tas-saħħa transkonfinali[30]. Għaldaqstant, dan ir-regolament nazzjonali għandu l-effett li jagħmel il-provvista ta' servizzi bejn l-Istati Membri aktar diffiċli mill-provvista ta' servizzi purament interna ta' Stat Membru, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 32 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[29] Sentenza Casa Națională de Asigurări de Sănătate (punti 41 sa 45).

[30] Ara s-sentenza Casa Națională de Asigurări de Sănătate (punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

67. Filwaqt li ddeċidiet fil-kuntest tas-sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel stabbilita mill-Istati Membri abbażi tar-Regolament Nru 883/2004 jew tar-Regolament Nru 1408/71, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li s-sempliċi rekwiżit ta' awtorizzazzjoni minn qabel li għalih l-istituzzjoni kompetenti għandha tieħu inkarigu, skont l-iskema ta' kopertura fis-seħħ fl-Istat Membru li għalih tappartjeni, tal-ispejjeż relatati mal-kura medika pprovduta fi Stat Membru ieħor, tikkostitwixxi, kemm għall-pazjenti kif ukoll għall-forniturі, ostaklu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, stabbilita fl-Artikolu 56 TFUE, peress li, sa fejn l-ispejjeż imġarrba fl-Istat Membru ta' affiljazzjoni ma humiex suġġetti għal tali awtorizzazzjoni minn qabel, tali rekwiżit jiskoraġġixxi lil dawn il-pazjenti, jew saħansitra jipprevjenihom, milli jikkuntattjaw forniturі ta' servizzi mediċi stabbiliti fi Stat Membru differenti minn dak tar-residenza tagħhom sabiex jiksbu l-kura inkwistjoni [31].

68. Għalkemm din il-ġurisprudenza tikkonċerna l-interpretazzjoni illi għandha tingħata lir-Regolament Nru 883/2004 jew ir-Regolament Nru 1408/71, hija rilevanti *mutatis mutandis* għal din il-kawża [32].Għalhekk tqum il-kwistjoni dwar jekk il-leġiżlazzjoni Rumena inkwistjoni, peress illi teħtieġ evalwazzjoni minn tabib kopert mill-iskema ta' assigurazzjoni tas-saħħa pubblika Rumena u l-ħruġ sussegwenti, minn tali tabib, ta' talba għal dħul fl-isptar, tagħmilhiex iktar diffiċli għal membru Rumen illi jirrikorri għal servizzi fi Stat Membru ieħor minflok fir-Rumanija.

69. Fil-qari tat-talba għal deċiżjoni preliminari, jidher illi t-talba għal dħul fl-isptar, illi hija meħtieġa mill-Artikolu 3(1)(b)(i) tal-Istandards Metodoloġiċi, hija dokument intiż biex jiċċertifika li sar eżami mediku minn tabib kopert mill-iskema tal-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika Rumena u li jirrakkomanda trattament partikolari fl-isptar.

70. Fil-fatt, minn naħa, mill-Artikolu 3(1)(b)(i) u (2) tal-Istandards Metodoloġiċi jirriżulta illi t-talba għal dħul fl-isptar hija waħda mid-dokumenti mediċi intiżi sabiex jiċċertifikaw illi l-persuna assigurata rċeviet, *inter alia*, servizzi mediċi. Min-naħa l-oħra, fit-talba għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju tindika illi, skont ir-rikorrenti, it-talba għal dħul fl-isptar hija simili għall-prova tad-dħul ta' persuna assigurata fis-sistema tas-saħħa bil-għan illi tingħata kura fl-isptar [33].

71. Għaldaqstant, il-kriterju ta' eliġibbilità għar-rimbors tal-kura tas-saħħa transkonfinali, kif previst fl-Artikolu 3(1)(b)(i) tal-Istandards Metodoloġiċi, mhuwiex komparabbli mal-eżempju ċċitat fl-Artikolu 7(7) tad-Direttiva 2011/24, li jippermetti sostanzjalment lill-Istati Membri li jimponu obbligu illi pazjent jikkonsulta tabib ġenerali qabel ma jmur għand speċjalista jew jirċievi kura fl-isptar, kif jirriżulta mill-punti 50 u 52 ta' dawn il-konklużjonijiet.

72. Fil-fatt, għalkemm l-aċċess għal kura speċjalizzata jew fl-isptar ta' spiss jiddependi mill-kisba ta' ċertifikat tal-ħtieġa klinika tagħhom maħruġ mit-tabib kuranti, f'dan il-każ huwa diffiċli li wieħed jifhem kif il-kundizzjoni imposta mid-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni tista' tiġi ssodisfatta fil-prattika fil-każ ta' kura transkonfinali. Mill-indikazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju nifhem li, jekk is-servizz ta' sptar jiġi pprovdut fi Stat Membru differenti mill-Istat Membru ta'

[31] Ara, f'dan is-sens, *inter alia*, is-sentenzi tat-28 ta' April 1998, Kohll (C-158/96, EU:C:1998:171, punti 34 u 35); tat-12 ta' Lulju 2001; Vanbraekel *et* (C-368/98, EU:C:2001:400, punt 45); tad-19 ta' April 2007, Stamatelaki (C-444/05, EU:C:2007:231, punti 26 u 28); Elchinov (punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata) kif ukoll Casa Națională de Asigurări de Sănătate (punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[32] Ninnota li, f'dan il-każ, il-kwistjoni tar-rimbors tal-kura tas-saħħa transkonfinali pprovduta lil AF hija parti minn sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel, li magħha jiżdiedu r-rekwiżiti ta' evalwazzjoni minn qabel minn tabib kopert mill-iskema tal-assigurazzjoni tas-saħħa pubblika tal-Istat Membru ta' affiljazzjoni u talba għal dħul fl-isptar maħruġa minn tali tabib.

[33] Skont il-Fond Dipartimentali tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa ta' Mureș, it-tlestija ta' eżami mediku tista' tiġi ppruvata biss billi ssir talba għal dħul fl-isptar.

affiljazzjoni, id-dħul fl-isptar ma jseħħx fi sptar fl-Istat Membru ta' affiljazzjoni, hekk kif talba għal dħul minn tabib fl-Istat Membru ta' affiljazzjoni ma tintużax għall-finijiet ta' dħul fl-Istat Membru ta' destinazzjoni.

73. Dan il-fatt iwassal għall-kunsiderazzjoni li d-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni, peress li timponi kundizzjoni doppja, relatata ma' evalwazzjoni minn tabib kopert mill-iskema ta' assigurazzjoni tas-saħħa pubblika Rumena u ma' talba għal dħul fl-isptar minn tali tabib, tikkostitwixxi ostakolu għall-moviment liberu tal-pazjenti u tas-servizzi fir-rigward tas-servizzi mediċi fi sptarijiet ipprovduti fi Stat Membru ieħor.

74. B'mod iktar speċifiku, sa fejn id-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni tobbliga lil kull persuna assigurata tikseb talba għal dħul fl-isptar minn tabib kopert mill-iskema ta' assigurazzjoni tas-saħħa pubblika Rumena, anki jekk tali talba għal dħul, fil-każ ta' kura fl-isptar transkonfinali, tradizzjonalment issir mill-istabbiliment tal-isptar fl-Istat Membru tad-destinazzjoni, hija ċċaħħad lill-persuna assigurata, illi għandha biss talba għad-dħul fl-isptar maħruġa fi Stat Membru illi mhuwiex l-Istat Membru ta' affiljazzjoni, mill-possibbiltà li jinkiseb rimbors għal tali trattament fl-isptar, illi jwassal għal żvantaġġ għall-persuni assigurati illi jixtiequ jmorru barra minn pajjiżhom għal tali trattament. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tista' tagħmilha iktar diffiċli għall-persuni assigurati biex jeżerċitaw il-libertà ta' moviment tagħhom.

75. Għaldaqstant, anki jekk din ir-regola tapplika b'mod identiku u timponi l-istess kundizzjonijiet mingħajr distinzjoni fuq ir-rimbors tal-kura tas-saħħa transkonfinali u interna fl-isptarijiet, hija madankollu tikkostitwixxi restrizzjoni fuq l-eżerċizzju tal-libertà tagħha illi tipprovdi servizzi għal kull persuna assigurata [34].

76. Konsegwentement, jiena tal-fehma illi l-kundizzjoni doppja stabbilita fl-Artikolu 3(1)(b)(i) tal-Istandards Metodoloġiċi tiskoraġġixxi lill-assigurati soċjali milli jużaw forniturі tal-kura tas-saħħa stabbiliti fi Stati Membri differenti mill-Istat Membru ta' affiljazzjoni u tagħmel l-eżerċizzju tal-libertà illi jiġu pprovduti servizzi garantita fl-Artikolu 56 TFUE inqas attraenti. Għalhekk tikkostitwixxi ostaklu għall-moviment liberu tal-pazjenti u s-servizzi.

Dwar il-ġustifikazzjoni għar-restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-pazjenti u tas-servizzi

77. F'dan il-każ, il-Gvern Rumen ma ressaq l-ebda ġustifikazzjoni fir-rigward tal-leġiżlazzjoni Rumena applikabbli. Madankollu, il-qorti tar-rinviju, għandha dubji dwar il-konformità tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni meta mqabbel mal-għan imfittex, illi huwa illi jiġi żgurat il-bilanċ finanzjarju tas-sistema tas-sigurtà soċjali, kif ukoll fir-rigward tal-proporzjonalità tal-kundizzjoni imposta fid-dawl tal-għan imfittex.

78. Inqis illi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar is-sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel u l-libertà illi jiġu pprovduti servizzi mediċi abbażi tal-Artikolu 56 TFUE tipprovdi gwida rilevanti f'dan il-qasam.

[34] Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet illi l-leġiżlazzjoni nazzjonali tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment u għal-libertà illi jiġu pprovduti servizzi illi, għalkemm applikata bl-istess mod għaċ-ċittadini u għall-operaturi jew forniturі ta' servizzi minn Stati Membri oħra, twassal għal riżultat li l-forniturі ta' servizzi minn Stat Membru ieħor jitqiegħdu f'sitwazzjoni ta' żvantaġġ meta mqabbla maċ-ċittadini (ara, *inter alia*, is-sentenzi tat-13 ta' Diċembru 2007 Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-465/05, EU:C:2007:781, punti 46 sa 48), u tal-21 ta' Diċembru 2023, Cofidis (C-340/22, EU:C:2023:1019, punti 40 u 41)).

79. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat illi n-numru ta' sptarijiet, id-distribuzzjoni ġeografika tagħhom, il-mod kif huma organizzati u l-attrezzaturi li bihom huma mgħammra, u saħansitra n-natura tas-servizzi mediċi li huma kapaċi joffru, huma kollha materji li jeħtieġu li jkunu ppjanati, li ġeneralment tirrispondi għal diversi tħassib. Minn naħa, dan l-ippjanar ifittex li jilħaq l-għan li jiġi assigurat li jkun hemm aċċess suffiċjenti u permanenti għal firxa bbilanċjata ta' kura fl-isptarijiet ta' kwalità għolja fl-Istat ikkonċernat. Min-naħa l-oħra, huwa jgħin sabiex tiġi sodisfatta x-xewqa li jkunu kkontrollati l-ispejjeż u li jkun evitat, safejn dan ikun possibbli, kull ħela ta' riżorsi finanzjarji, tekniċi u umani. Ħela bħal din hija iktar u iktar dannuża għaliex huwa paċifiku li s-settur tal-kura fl-isptarijiet jiġġenera spejjeż kunsiderevoli u jrid jissodisfa ħtiġijiet li dejjem jikbru, filwaqt illi r-riżorsi finanzjarji li huma disponibbli għall-kura tas-saħħa ma humiex illimitati, irrispettivament mill-metodu ta' finanzjament użat [35].

80. Għaldaqstant, ma jistax jiġi eskluż li riskju ta' dannu gravi għall-bilanċ finanzjarju tas-sistema ta' sigurtà soċjali jista' jikkostitwixxi raġuni imperattiva ta' interess pubbliku li jista' jiġġustifika ostakolu għall-prinċipju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi [36].

81. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrilevat illi, fid-dawl tad-differenza bejn is-sistema ta' rimbors stabbilita mir-Regolament Nru 883/2004 u dik prevista fid-Direttiva 2011/24, fil-kuntest ta' din id-direttiva u b'differenza mis-sitwazzjonijiet irregolati mir-Regolament Nru 883/2004, l-Istat Membru ta' affiljazzjoni ma huwiex, bħala prinċipju, espost għal piż finanzjarju addizzjonali fil-każ ta' kura transkonfinali [37].

82. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat illi, kuntrarjament għall-Artikolu 20(2) tar-Regolament 883/2004, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2011/24 jipprevedi, hekk kif tfakkar fil-punt 37 ta' dawn il-konklużjonijiet, illi l-ispejjeż għall-kura tas-saħħa transkonfinali għandhom jiġu rrimborsati jew imħallsa direttament mill-Istat Membru ta' affiljazzjoni sal-livell tal-ispejjeż li dan kien jassumi li kieku l-kura tas-saħħa ngħatat fit-territorju tiegħu, u dan mingħajr ma jinqabżu l-ispejjeż attwali tal-kura tas-saħħa mogħtija [38].

83. Ir-rimbors previst fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2011/24 jista' għalhekk ikun suġġett għal limitu doppju. Minn naħa, dan huwa kkalkolat abbażi tat-tariffi applikabbli għall-kura tas-saħħa fl-Istat Membru ta' affiljazzjoni. Min-naħa l-oħra, jekk il-livell tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa mogħtija fl-Istat Membru ospitanti huwa inqas minn dak tal-kura tas-saħħa mogħtija fl-Istat Membru ta' affiljazzjoni, dan ir-rimbors ma għandux jaqbeż l-ispejjeż reali tal-kura tas-saħħa mogħtija [39].

84. Peress li r-rimbors ta' din il-kura tas-saħħa skont id-Direttiva 2011/24 huwa suġġett għal dan il-limitu doppju, is-sistema tas-saħħa tal-Istat Membru ta' affiljazzjoni ma tistax tiġi suġġetta għal riskju ta' spiża addizzjonali marbuta mat-teħid ta' responsabbiltà għall-ħlas tal-kura transkonfinali kif jista' jkun il-każ taħt is-sistema ta' rimbors stabbilita mir-Regolament Nru 883/2004. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet illi din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-premessa 29 tad-Direttiva 2011/24, illi tindika espressament li dan it-teħid ta' responsabbiltà għall-ħlas tal-ispejjeż ma jistax ikollu effett kunsiderevoli fuq il-finanzjament tas-sistemi nazzjonali tal-kura tas-saħħa [40].

35 Ara s-sentenzi Smits u Peerbooms (punti 76 sa 79); tas-16 ta' Mejju 2006; Watts (C-372/04, EU:C:2006:325, punti 108 u 109), kif ukoll Elchinov (punt 43).

36 Ara s-sentenza tas-27 ta' Jannar 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-490/09, EU:C:2011:34, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 Ara s-sentenza Veselības ministrija (punti 72 sa 77).

38 Is-sentenza Veselības ministrija (punt 73).

39 Is-sentenza Veselības ministrija (punt 74).

40 Is-sentenza Veselības ministrija (punti 75 u 76).

85. Minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta illi, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, tali għan ma jistax, bħala prinċipju, jiġi invokat sabiex tiġi ġġustifikata l-kundizzjoni li tirrikjedi t-twettiq ta' eżami mediku, minn tabib li jipprovdi servizzi mediċi taħt is-sistema soċjali ta' assigurazzjoni tas-saħħa Rumena, li jagħti lok għal talba għal dħul fl-isptar, taħt l-Artikolu 7(7) tad-Direttiva 2011/24.

86. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqbilx ma' din il-fehma, għandhom isiru fil-qosor l-osservazzjonijiet li ġejjin b'mod konċiż dwar il-kwistjoni tal-proporzjonalità tas-sistema illi teżiġi eżami minn qabel u talba għal dħul fl-isptar minn tabib kopert mill-iskema pubblika tas-sigurtà soċjali tal-Istat Membru ta' affiljazzjoni.

87. F'dan il-każ, in-natura awtomatika tal-kriterju ta' eliġibbiltà stabbilit mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni u n-natura assoluta tat-termini tal-kundizzjoni doppja illi għaliha huwa suġġett ir-rimbors tal-kura tas-saħħa transkonfinali fl-isptarijiet ma jidhirlix illi huma xierqa għall-għan imfittex, peress illi jistgħu jittieħdu miżuri inqas restrittivi illi jirrispettaw iktar il-moviment liberu tal-pazjenti u tas-servizzi bħall-istabbiliment ta' proċedura illi għandha l-għan, fejn xieraq, illi taċċetta ċertifikati jew rapporti mediċi ekwivalenti, akkumpanjati minn verifika tal-plawsibbiltà tad-dijanjosi u tat-trattament propost. Għaldaqstant, tali kriterju ta' eliġibbiltà ma jistax jissodisfa r-rekwiżit ta' proporzjonalità.

Konklużjoni

88. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja twieġeb għall-ewwel domanda preliminari magħmula mill-Înalta Curte de Casație și Justiție (il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, ir-Rumanija) bil-mod li ġej:

L-Artikolu 56 TFUE kif ukoll l-Artikolu 7(7) tad-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali,

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

jipprekludu leġiżlazzjoni illi tissuġġetta awtomatikament ir-rimbors tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali sostnuti mill-persuna assigurata fl-Istat Membru ta' affiljazzjoni għat-twettiq ta' eżami mediku minn tabib li jipprovdi servizzi mediċi taħt l-iskema pubblika ta' assigurazzjoni tas-saħħa ta' dak l-Istat u l-ħruġ sussegwenti minn dak it-tabib ta' talba għad-dħul fl-isptar, mingħajr ma jkun permess illi jiġu ppreżentati dokumenti ekwivalenti maħruġa minn professjonist tas-saħħa illi mhuwiex kopert mis-sistema pubblika tal-assigurazzjoni tas-saħħa ta' dak l-Istat.